# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Frank Bernard Ahar**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miġjuba kontra **Frank Bernard Ahar** ID231485M u li permezz tagħha huwa ġie akkużat talli fis-6 ta' Settembru 2009 għall-ħabta tat-02:40 bħala :

"persuna li intei registered substitute tal-hanut Conquest Bar Isla zammejt jew ippermettejt li jinzamm l-imsemmi hanut miftuh wara l-hin tal-gheluq mhux skond il-kondizzjonijiet tal-licenzja tal-imsemmi hanut.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat id-dokumenti u semgħet il-provi prodotti.

***Ikkunsidrat : -***

Illi l-Prosekuzzjoni resqet provi li jikkonvinċuha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-imputat, li kien registered substitute tal-hanut "Conquest Bar" fl-Isla, fil-jum u ħin inkriminati kien għadu miftuh wara l-ħin regolamentari. Il-ħin tal-ftugħ għandu dejjem jiġi rispettat, billi wara li jiskadi l-ħin regolamentari il-ħanut irid ikun magħluq.

## *Deċide*

Li għar-raġunijiet premessi qegħda ssib lill-imputat ħati fir-rigward tal-imputazzjoni kontestata lilu u wara li rat ir-regolamenti 13 tal-A.L. 1 tal-2006 (u li l-paragrafu 10 tat-Tieni Skeda jagħmel riferenza għalih) nonche r-regolament 36 tal-A.L. 1 tal-2006 (u li għalih jagħmel riferenza l-paragrafu 3 tat-Tielet Skeda) u r-regolament 53 tal-istess Avviż Legali 1 tal-2006, kif ukoll l-Artikoli 18 u 20 tal-Kapitolu 441 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-ħati għal ammenda ta' mitejn u ħamsin euro (€250).

***Mogħtija fl-10 t'Ottubru 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***